# L-ambjent ta' l-Ewropa

## Ir-raba' evalwazzjoni

### Sommarju eżekuttiv



L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent




**Reġjun Pan-Ewropew — ir-raggruppamenti tal-pajjiżi fir-rapport**

*L-Ewropa tal-Punent u Ċentrali (WCE)*

- L-Unjoni Ewropea — 25 L-Istati Membri (UE–25)
- L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA)
- L-Andorra, Monako, San Marino

*L-Ewropa tax-Xlokk (SEE)*

- Il-Balkani tal-Punent
- Il-Bulgarija u r-Rumanija
- It-Turkija

*L-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u l-Asja Ċentrali (EECCA)*

- L-Ewropa tal-Lvant
- L-Asja Ċentrali
- Il-Kawkasu

- Kopertura barra r-rapport

# L-ambjent ta' l-Ewropa

## Ir-raba' evalwazzjoni

### Sommarju eżekuttiv

# Minn Kiev għal Belgrad

Il-proċess 'Ambjent għall-Ewropa' illum ilaqqa' flimkien 56 pajjiż minn madwar tliet kontinenti biex jindirizzaw flimkien sfidi ambjentali. B'appoġġ għal dan il-proċess, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ħejjiet sensiela ta' evalwazzjonijiet ta' l-ambjent għar-reġjun pan-Ewropew biex tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti għall-politika, aġġornata u affidabbli dwar l-interazzjonijiet bejn l-ambjent u s-soċjetà.

L-ewwel evalwazzjoni komprensiva ta' l-istat ta' l-ambjent pan-EwRopew kienet ippreżentata f'Sofia fl-1995. Evalwazzjonijiet aġġornati kienu ppreżentati fil-Konferenzi Ministerjali f'Aarhus fl-1998 u Kiev fl-2003.

Dan huwa r-raba' rapport fis-sensiela. Fejn huwa possibbli r-rapport jevalwa l-progress, primarjament kontra l-miri tas-Sitt Programm ta' Azzjoni għall-Ambjent tal-Komunità Ewropea u l-Istrateġija Ambjentali għall-Pajjiżi ta' l-Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u l-Asja Ċentrali.

Dan ir-rapport ġie mħejji bi sħubija mill-qrib ma' firxa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet governattivi u organizzazzjonijiet mhux governattivi madwar ir-reġjun.

Minkejja progress notevoli fil-promozzjoni ta' politika ambjentali u żvilupp sostenibbli madwar ir-reġjun pan-Ewropew, għad hemm 'lakuna ta' implimentazzjoni' fl-użu ta' approċċi ta' politika integrata.

L-implimentazzjoni b'suċċess tiddependi fuq l-istabbiliment ta' miri ċari u realistiċi flimkien ma' mekkaniżmi biex jiġi sorveljat il-progress.

**Il-kuntest tar-raba' evalwazzjoni**




**Sors:** Ibbażat fuq Figura 1.5 tar-Raba' Evalwazzjoni.

L-informazzjoni ambjentali madwar ir-reġjun għadha tvarja fil-kwalità, bid-disponibilità u l-affidabilità ta' l-informazzjoni tvarja b'mod konsiderevoli. Hemm lok għal ħafna aktar progress biex id-dejta u l-informazzjoni tant meħtieġa ssir mhux biss aċċessibbli, iżda wkoll komparabbli u affidabbli.

# Xejriet soċjo-ekonomiċi

Ir-reġjun pan-Ewropew iħaddan diversità kulturali u ambjentali kbira. Aktar minn 870 miljun ruħ jgħixu fir-reġjun; aktar minn nofshom fl-Ewropa tal-Punent u Ċentrali (WCE), li jagħmel lill-Unjoni Ewropea (UE) waħda mill-aktar żoni densament popolati fid-dinja b'aktar minn 100 ruħ għal kull kilometru kwadru. Dan jikkuntrasta b'mod ċar mal-popolazzjonijiet relattivament mhux iffullati ta' l-Ewropa tal-Lvant u ta' l-Asja Ċentrali, fejn id-densità medja hija taħt sewwa l-20 ruħ għal kull kilometru kwadru.

L-irkupru ekonomiku fl-aħħar snin wassal għal żieda, f'termini relattivi, tad-dħul nazzjonali tista' tgħid fil-pajjiżi kollha tar-reġjun pan-Ewropew. Ir-rati tat-tkabbir ekonomiku kienu partikolarment għoljin fl-Ewropa tax-Xlokk (SEE) u fil-pajjiżi ta' l-EECCA.

**Ir-reġjun pan-Ewropew u s-sottoreġjuni tiegħu: indikaturi soċjo-ekonomiċi prinċipali għall-2005**

| | Art (1 000 km²) | Popolazzjoni (miljun) | Dħul (GDP għal kull ras, USD) |
|---|---|---|---|
| **Ewropa tal-Punent u Ċentrali (WCE)** | | | |
| UE-15 | 3 243 | 385 | 22 337 |
| UE-10 | 729 | 74 | 5 594 |
| EFTA u WCE oħra | 468 | 12 | 36 550 |
| **Ewropa tal-Lvant, il-Kawkasu u l-Asja Ċentrali (EECCA)** | | | |
| Ewropa tal-Lvant | 17 943 | 204 | 2 034 |
| Kawkasu | 186 | 16 | 1 112 |
| Asja Ċentrali | 4 003 | 58 | 955 |
| **Ewropa tax-Xlokk (SEE)** | | | |
| Balkani tal-Punent | 264 | 22 | 2 236 |
| SEE oħra | 1 132 | 102 | 3 052 |

**Sors:** Ibbażat fuq Tabella 1.2 tar-Raba' Evalwazzjoni.

**Flussi kummerċjali bejn il-WCE/SEE u l-EECCA fl-2005 (biljun USD)**




**Sors:** Mappa 6.1 tar-Raba' Evalwazzjoni.

Kulma jmur, l-ekonomiji tal-pajjiżi ta' l-EECCA qegħdin jiċċaqalqu mid-dipendenza fuq il-produzzjoni agrikola lejn l-industriji tas-servizzi. Madankollu, ir-reġjun ta' l-EECCA għadu relattivament aktar dipendenti fuq l-estrazzjoni tal-minerali u l-agrikoltura, li sikwit jirriżultaw fi pressjonijiet ambjentali kbar u volumi għolja ta' skart.

L-għadd ta' stati indipendenti fir-reġjun żdied minn 33 fl-1990 għal 53 fl-2007, f'liema żmien l-UE kibret minn 15 għal 27 Stat Membru.

# Ambjent u saħħa: Il-kwalità ta' l-arja

It-tniġġis ta' l-arja, l-aktar minn partikuli fini u l-ożonu fil-livell ta' l-art, għadu joħloq theddida sinifikanti għas-saħħa: huwa jqassar it-tul ta' ħajja medju mistenni fil-WCE bi kważi sena u jaffettwa l-iżvilupp b'saħħtu tat-tfal.

Il-biċċa l-kbira tal-pollutanti ta' l-arja żdiedu fl-EECCA b'aktar minn 10% b'riżultat ta' l-irkupru ekonomiku, iż-żidiet fit-trasport u n-nuqqas ta' effikaċja tal-politiċi għall-protezzjoni mit-tniġġis ta' l-arja.

Fl-EECCA l-kwalità fqira ta' l-informazzjoni ma tippermettix evalwazzjoni dettaljata tal-kwalità ta' l-arja u l-konsegwenzi tagħha. Madankollu, l-informazzjoni limitata disponibbli tindika li t-theddida prinċipali għas-saħħa fl-EECCA u s-SEE ġejja, bħal fil-WCE, mill-partikuli żgħar u l-kostitwenti tossiċi tagħhom.

**Bidla perċentwali fl-emissjonijiet (2000–2004)**

| Pollutant | WCE | SEE | EECCA |
|---|---|---|---|
| Ossidu tan-nitroġenu ($NO_X$) | – 8.7 % | + 5.7 % | + 13.1 % |
| Dijossidu tal-kubrit ($SO_2$) | – 19.6 % | + 1.5 % | – 10.3 % |
| Komposti organiċi volatili (VOC) | – 13.6 % | – 12.3 % | + 11.2 % |
| Ammonja ($NH_3$) | – 2.6 % | – 5.7 % | – 14.4 % |
| Ożonu precursors | – 11.3 % | – 2.1 % | + 11.5 % |
| Materja f'sura ta' partikuli separati ($PM_{10}$) | – 9.7 % | + 2.2 % | + 12.6 % |

**Sors:** Tabella 2.2.1 tar-Raba' Evalwazzjoni.

# Ambjent u saħħa:
# L-ilmijiet interni

Aktar minn 100 miljun ruħ fir-reġjun pan-Ewropew għad m’għandhomx aċċess għal ilma tax-xorb mingħajr periklu u sanitazzjoni adegwata. Fl-EECCA u s-SEE l-kwalità tal-provvista ta’ l-ilma u s-servizzi ta’ sanitazzjoni ddeterjoraw b’mod kontinwu matul l-aħħar 15-il sena, bl-aktar li tiġi affettwata tkun il-popolazzjoni rurali.

Terz tal-popolazzjoni pan-Ewropea tgħix f’pajjiżi fejn ir-riżorsi ta’ l-ilma qegħdin taħt pressjoni sostanzjali. Telf kbir minn tnixxijiet fis-sistemi tad-distribuzzjoni ta’ l-ilma, ġestjoni u manteniment inadegwati tas-sistemi ta’ l-irrigazzjoni, u mudelli mhux sostenibbli ta’ żrigħ jaggravaw l-impatti ta’ nixfiet u n-nuqqas ta’ ilma.

**Baċiri ta’ xmajjar affettwati mill-għargħar (1998–2005)**




**Sors:** Mappa 2.3.1 tar-Raba’ Evalwazzjoni.

# Ambjent u saħħa: Il-ħamrija

Mill-Konferenza ta’ Kiev ’l hawn sar progress kemm fl-iżvilupp ta’ politika kif ukoll fid-disponibilità ta’ l-informazzjoni. Madankollu, għadu kmieni wisq biex jiġi reġistrat xi titjib ċar fl-istat tar-riżorsi tal-ħamrija.

Minħabba l-kumplessità tar-riskji attwali, speċjalment it-tibdil fil-klima, hemm bżonn ta’ ħsieb ġdid dwar mekkaniżmi li jtejbu l-bażi ta’ l-evidenza biex tiġi sostnuta l-azzjoni dwar il-ħamrija.

L-iskambju ta’ l-aqwa prattiċi bejn pajjiżi u reġjuni b’kundizzjonijiet simili tal-ħamrija jista’ jnaqqas l-ispejjeż għar-rimedjar tal-ħsara f’bosta theddidiet għall-ħamrija, u jipprovdi bażi importanti għal kooperazzjoni.

**Ħarsa ġenerali ta’ l-attivitajiet ekonomiċi li jikkawżaw tniġġis tal-ħamrija f’xi pajjiżi tal-WCE u tas-SEE (% tas-siti investigati)**




**Sors:** Figura 2.4.2 tar-Raba’ Evalwazzjoni.

# Ambjent u saħħa: Kimiki perikolużi

L-industrija kimika rat tkabbir mad-dinja kollha. Fl-Unjoni Ewropea, il-produzzjoni ta' kimiki tossiċi żdiedet kważi bl-istess rata tal-produzzjoni kimika totali, u t-tnejn kibru b'mod aktar mgħaġġel mill-GDP.

Il-globalizzazzjoni qiegħed tirriżulta fi trasferiment tal-piżijiet ambjentali lejn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u l-importazzjoni mill-ġdid tal-perikli minn tniġġis transkonfinali u prodotti kontaminati.

Riċentement, ġew maqbula politiki u leġiżlazzjonijiet sinifikanti ġodda li jindirizzaw il-ġestjoni tal-kimiki, kemm fl-Ewropa u kemm globalment. Għall-UE, dan jinkludi l-leġiżlazzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni u l-Awtorizzazzjoni tal-Kimiki (REACH), li daħlet fis-seħħ fl-2007. Fuq il-livell internazzjonali, l-Approċċ Strateġiku għall-Immaniġġjar Internazzjonali tal-Kimiki (SAICM) ġie adottat fl-2006.

Barraminnhekk, kienet maqbula s-sistema armonizzata globali dwar klassifikazzjoni u tikkettar (GHS) u l-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs) u l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC) daħlu fis-seħħ.

# It-tibdil fil-klima

L-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra żdiedu fl-aħħar snin fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi Ewropej u huma proġettati li jkomplu jagħmlu dan fil-ġejjieni. Bosta pajjiżi Ewropej adottaw programmi nazzjonali biex inaqqsu l-emissjonijiet, iżda xi wħud minnhom għad għandhom diffikultajiet biex jilħqu l-miri tagħhom ta' Kyoto.

Il-Protokoll ta' Kyoto, taħt il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u l-ewwel perjodu ta' impenn tiegħu jirrappreżentaw biss l-ewwel pass biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.

L-emissjonijiet globali jridu jitnaqqsu b'sa 50 % sal-2050 biex iż-żidiet fit-temperatura jiġu limitati sa massimu ta' 2 °C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali, il-mira proposta mill-UE bħala neċessarja biex ikunu evitati impatti mhux aċċettabbli tat-tibdil fil-klima fil-ġejjieni.

**Xejriet fl-emissjonijiet totali ta' gassijiet tas-serra**




**Sors:** Figura 3.4 tar-Raba' Evalwazzjoni.

**Tibdil proġettat fil-fluss annwali tax-xmajjar fl-Ewropa għall-2070s meta mqabbel mal-2000**



Ibbażat fuq informazzjoni minn żewġ mudelli differenti tal-klima: ECHAM4 (xellug) u HadCM3 (lemin)

Tnaqqis — Bidliet żgħar — Żidiet

– 50 % | – 25 % | – 10 % | + 10 % | + 25 % | + 50 %

Kopertura barra r-rapport

**Sors:** Mappa 3.3 tar-Raba' Evalwazzjoni.

Xi impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima huma proġettati li jaffettwaw il-biċċa l-kbira tas-setturi ta' l-ekonomija u r-riżorsi naturali — anki bi programmi qawwija ta' mitigazzjoni. Huwa għalhekk urġenti wkoll li wieħed jadatta għal dawk l-impatti meta jiġu żviluppati u implimentati politiki u miżuri fis-setturi kollha tas-soċjetà.

# Il-bijodiversità

It-tnaqqis tal-bijodiversità u t-telf ta’ servizzi ta’ l-ekosistema baqa’ tħassib ewlieni madwar ir-reġjun pan-Ewropew. Barraminhekk, l-għadd ta’ speċijiet aljeni invażivi fir-reġjun baqa’ jiżdied.

Il-mira prinċipali tar-Riżoluzzjoni ta’ Kiev li jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità fir-reġjun sal-2010 mhix se tintlaħaq mingħajr sforzi u riżorsi addizzjonali konsiderevoli. Il-komunikazzjoni, l-edukazzjoni u l-programmi ta’ kuxjenza pubblika, madankollu, qegħdin jiġu implimentati skond ir-Riżoluzzjoni ta’ Kiev.

Kien hemm progress sinifikanti fil-ħolqien ta’ netwerks ekoloġiċi: in-Netwerk Ekoloġiku Pan-Ewropew u n-Netwerk Natura 2000 qegħdin jieħdu sura, iżda għad m’hemmx informazzjoni suffiċjenti dwar l-istat ta’ konservazzjoni tagħhom.

**Progress fl-iżvilupp ta’ strateġiji nazzjonali għal speċijiet invażivi**




- Strateġija nazzjonali dwar speċi aljeni invażivi hija stabbilita jew ix-xogħol biex tiġi żviluppata strateġija simili għadu għaddej
- Speċijiet aljeni invażivi rikonoxxuti b’mod espliċitu fi strateġija nazzjonali dwar il-bijodiversità/pjan ta’ azzjoni rrappurtat lill-CBD
- Azzjoni għal speċijiet aljeni invażivi mhux identifikati fuq livell nazzjonali
- L-ebda informazzjoni

**Sors:** Figura 4.12 tar-Raba’ Evalwazzjoni.

**Ammont ta’ qtugħ illegali ta’ siġar f’pajjiżi magħżula (2000–2004)**




Stimi uffiċjali, volum totali maħsud (%)

- Mhux ta’ min jitħasseb fuqu
- 0–1
- 1–2
- 2–10
- 10–35
- L-ebda informazzjoni
- Kopertura barra r-rapport

**Sors:** Mappa 4.5 tar-Raba’ Evalwazzjoni.

Il-kwistjonijiet ambjentali qegħdin isiru dejjem aktar integrati fis-setturi ta’ l-afforestazzjoni u agrikoli. Madankollu, l-agrikoltura għadha toħloq pressjoni konsiderevoli fuq il-bijodiversità. Il-mira speċifika tal-politika li tiġi identifikata l-art kultivabbli kollha ta’ ‘valur naturali għoli’ sal-2006 ma ntlaħqitx.

# L-ambjent tal-baħar u kostali

L-ewtrofikazzjoni tibqa' problema fl-ibħra magħluqa u l-ilmijiet tal-baħar imkenna kollha madwar ir-reġjun pan-Ewropew. It-tnaqqis ta' sorsi mxerrda ta' nutrijenti, b'mod partikolari mill-agrikoltura, jibqa' sfida prinċipali u jeħtieġ azzjoni akbar.

Is-sajd eċċessiv għadu mifrux fl-ibħra kollha pan-Ewropej. Hemm bżonn politiki mtejjba u infurzar tal-liġi aktar strett biex jiġu rkuprati l-popolazzjonijiet tal-ħut — speċjalment biex jitwaqqaf is-sajd illegali, iżda wkoll sabiex jitwaqqfu l-impatti ta' l-industriji tas-sajd fuq l-ekosistema kollha tal-baħar.

**Tibdil fil-kisja ta' l-art fiż-żona kostali ta' 10 km fi 17 minn 22 Stat Membru kostali ta' l-UE (1990–2000)**




**Sors:** Figura 5.11 tar-Raba' Evalwazzjoni.

**Tnixxijiet aċċidentali minn tankers taż-żejt f'ibħra Ewropej**




**Sors:** Figura 5.8 tar-Raba' Evalwazzjoni.

It-tibdil fil-klima huwa probabbli li jaffettwa l-ibħra u l-kosti, inkluż l-organiżmi tal-baħar. Il-politiki ta' adattament għandhom jinkludu miżuri sabiex jitnaqqsu pressjonijiet oħra mhux klimatiċi, bil-għan li tiżdied ir-reżiljenza ta' l-ekosistemi tal-baħar u ż-żona kostali għat-tibdil fil-klima.

L-azzjonijiet taħt konvenzjonijiet reġjonali dwar il-baħar u politiki ta' l-UE tejbu l-kwalità ta' l-ilma fl-ibħra tal-punent, ngħidu aħna fir-rigward ta' xi sustanzi perikolużi. Il-politiki mmirati lejn it-titjib ta' l-istat ġeneralment ħażin ta' l-ambjent tal-baħar u kostali Ewropew għandhom ikunu bbażati fuq approċċ ekosistemiku.

# Konsum u produzzjoni sostenibbli

Il-kunċett ta' konsum u produzzjoni sostenibbli sar aktar prominenti fuq l-aġenda politika mill-Konferenza ta' Kiev. Madankollu, ftit ħarġu riżultati konkreti, u jeħtieġ li jiġu stabbiliti strateġiji għall-implimentazzjoni u għodod sabiex jitkejjlu l-impatti ambjentali.

Il-livelli ta' l-użu ta' riżorsi għal kull ras baqgħu stabbli fir-reġjuni kollha matul l-aħħar snin, u kienet miksuba xi separazzjoni bejn l-użu tar-riżorsi u t-tkabbir ekonomiku. L-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi tvarja b'mod konsiderevoli bejn pajjiż u ieħor, u hija diversi drabi ogħla fl-UE-15 milli fl-UE-10 u l-pajjiżi tas-SEE, u sa għoxrin darba ogħla milli fl-EECCA.

Il-mudelli tal-konsum qegħdin jinbidlu b'pass mgħaġġel, imbuttati minn bidliet soċjo-ekonomiċi. Il-kategoriji ta' konsum li jikkawżaw l-akbar impatti ambjentali fuq iċ-ċiklu tal-ħajja huma l-ikel u x-xorb, it-trasport privat, u d-djar. Fl-UE, it-turiżmu u l-ivvjaġġar bl-ajru qegħdin jitfaċċaw bħala oqsma prinċipali ta' impatti futuri.

Ir-reġjun pan-Ewropew qiegħed jiġġenera dejjem aktar skart. Il-Miżbla, li ambjentalment hija l-anqas għażla preferita, għadha l-aktar metodu komuni ta' ġestjoni ta' l-iskart fir-reġjun pan-Ewropew. L-Istati Membri ta' l-UE għamlu xi progress fit-tnaqqis ta' l-ammont ta' skart muniċipali li jmur għall-miżbla.

Bosta pajjiżi ta' l-EECCA u tas-SEE żviluppaw strateġiji għall-iskart u leġiżlazzjoni għall-iskart, iżda dawn għadhom jeħtieġu li jiġu implimentati b'mod effettiv.

**Skart muniċipali miġbur**

Kilogrammi għal kull ras




**Sors:** Figura 6.20 tar-Raba' Evalwazzjoni.

Il-ġbir xieraq ta' l-iskart u r-rimi bla periklu ta' skart fil-miżbliet jibqgħu ta' sfida. Sfida saħansitra akbar f'xi pajjiżi ta' l-EECCA hija l-assigurazzjoni tas-sigurtà ambjentali u t-tindif ta' siti ta' skart perikoluż li intirtu mill-passat.

# Setturi: L-agrikoltura

L-agrikoltura intensiva moderna sikwit għandha impatt negattiv bl-użu tagħha u t-tniġġis ta’ l-arja, l-ilma u l-ħamrija. Mill-banda l-oħra, il-biedja għad għandha rwol pożittiv fil-preservazzjoni tal-pajsaġġi u l-bijodiversità ta’ l-Ewropa.

L-arja ta’ art irrigata fl-UE-15 tax-xlokk u s-SEE żdiedet, li juri xejra kontinwa ta’ intensifikazzjoni agrikola. L-irrigazzjoni sikwit ikkawżat tnaqqis fir-riżorsi u l-kwalità ta’ l-ilma, salinizzazzjoni u degradazzjoni ta’ l-art — speċjalment fl-EECCA tan-nofsinhar u tal-lvant.

Il-biċċa l-kbira ta’ SEE u l-EECCA se jkollhom bżonn appoġġ internazzjonali kontinwu biex jiksbu ġestjoni ambjentali aħjar tas-settur agrikolu.

**L-użu ta’ fertilizzant għal kull ettaru ta’ art agrikola**

Konsum medju ta’ fertilizzant (kilogrammi għal kull ettaru)




**Sors:** Figura 7.1.1 tar-Raba’ Evalwazzjoni.

# Setturi: It-turiżmu

Il-wasliet ta' turisti internazzjonali fir-reġjun pan-Ewropew baqgħu jiżdiedu. It-turiżmu huwa wieħed mill-muturi prinċipali tad-domanda akbar għall-aktar modi ta' trasport li jagħmlu ħsara lill-ambjent: il-karrozzi privati u, b'aktar mod serju, it-trasport bl-ajru.

Il-kosti, il-gżejjer u l-muntanji jibqgħu partikolarment sensittivi għall-iżvilupp turistiku. Diġà seħħet degradazzjoni, kultant irriversibbli, f'xi destinazzjonijiet popolari ta' turiżmu tal-massa.

L-impatti tat-turiżmu huma pproġettati li jikbru b'riżultat tal-ġid akbar u l-bidliet fl-istil ta' ħajja u demografiċi. L-imġieba tat-turist tibqa' fattur kruċjali għas-sostenibilità tas-settur.

**Wasliet ta' turisti internazzjonali u bidla perċentwali**




**Sors:** Figura 7.4.2 tar-Raba' Evalwazzjoni.

# Setturi: It-trasport

Il-konsum ta' l-enerġija u l-emissjonijiet ta' gassijiet tas-serra mit-trasport fis-SEE u l-WCE qegħdin jiżdiedu b'pass mgħaġġel flimkien maż-żieda ġenerali fit-trasport. Il-konsum ta' l-enerġija fit-trasport u l-emissjonijiet konsegwenti ta' $CO_2$ għal kull ras fil-WCE għadhom darbtejn sa erba' darbiet ogħla milli fis-SEE u l-EECCA.

L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet kompetittivi għat-trasport urban huwa mod biex jiġu miġġielda l-konġestjoni tat-traffiku u l-problemi tal-kwalità ta' l-arja kif ukoll sabiex tittejjeb is-sikurezza tat-trasport. Biex it-trasport pubbliku jsir kompetittiv, il-bliet jeħtieġ li jiġu ppjanati u żviluppati bit-trasport pubbliku fil-ħsieb.

**Pussess ta' karrozzi fl-Ewropa**




**Sors:** Figura 7.2.5 tar-Raba' Evalwazzjoni.

# Setturi: L-enerġija

Il-konsum ta' l-enerġija u l-emissjonijiet konsegwenti ta' gassijiet tas-serra fir-reġjun pan-Ewropew żdiedu mill-Konferenza ta' Kiev, minkejja t-titjib fl-effiċjenza ta' l-enerġija u użu akbar ta' enerġija rinnovabbli f'xi oqsma. Din it-tendenza hija mistennija li tkompli jekk ma jiġux implimentati politiki u miżuri addizzjonali.

Is-swieq ta' l-enerġija fit-tliet sottoreġjuni pan-Ewropej huma marbuta mill-qrib. Parti konsiderevoli mill-importazzjoni ta' gass naturali u żejt fil-WCE u s-SEE ġiet mill-EECCA u dan is-sehem huwa previst li jiżdied b'mod sostanzjali sal-2030.

**Konsum totali ta' enerġija skond is-sors tal-fjuwil**




**Sors:** Figura 7.3.3 tar-Raba' Evalwazzjoni.

# Punti saljenti ta' l-'Ambjent għall-Ewropa'

| | |
|---|---|
| **1991** | **L-Ewwel Konferenza Ministerjali f'Dobris** |
| | Firma: Konvenzjoni dwar l-Istudju ta' l-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (Konvenzjoni EIA); Protokoll VOC għall-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis ta' l-Arja Transkonfinali fuq Distanza Twila (CLRTAP)<br><br>Dħul fis-seħħ: $NO_x$ Protocol għall-CLRTAP |
| **1992** | Firma: Konvenzjoni dwar l-Ilma Transkonfinali (TWC); Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfinali ta' l-Inċidenti Industrijali (CTEIA) |
| **1993** | **It-Tieni Konferenza Ministerjali f'Lucerne** |
| **1994** | Firma: Protokoll dwar l-Emissjonijiet tal-Kubrit għall-CLRTAP |
| **1995** | **It-Tielet Konferenza Ministerjali f'Sofia** |
| **1996** | Dħul fis-seħħ: Konvenzjoni dwar l-Ilma Transkonfinali (TWC) |
| **1997** | Dħul fis-seħħ: Konvenzjoni dwar l-Istudju ta' l-Impatt Ambjentali f'Kuntest Transkonfinali (Konvenzjoni EIA); Protokoll VOC għall-CLRTAP |
| **1998** | **Ir-Raba' Konferenza Ministerjali f'Aarhus** |
| | Firma: Konvenzjoni ta' Aarhus (AC); Protokoll dwar il-POPs għall-CLRTAP; Protokoll dwar il-Metalli Tqal għall-CLRTAP<br><br>Dħul fis-seħħ: Protokoll dwar l-Emissjonijiet tal-Kubrit għall-CLRTAP |
| **1999** | Firma: Protokoll dwar l-Ilma u s-Saħħa għat-TWC; Protokoll dwar l-Ożonu fil-Livell ta' l-Art |
| **2000** | Dħul fis-seħħ: Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfinali ta' l-Inċidenti Industrijali (CTEIA) |

| | |
|---|---|
| **2001** | Dħul fis-seħħ: Konvenzjoni ta' Aarhus (AC) |
| **2002** | |
| **2003** | **Il-Ħames Konferenza Ministerjali f'Kiev** |
| | Adozzjoni ta' l-Istrateġija għall-EECCA<br>Riżoluzzjoni ta' Kiev dwar il-Bijodiversità<br>*Iffirmata, iżda mhux fis-seħħ (Status Ġunju 2007):*<br>*Protokoll dwar il-PRTR għall-AC; Protokoll dwar ir-Responsabilità Ċivili għat-TWC; Protokoll dwar is-SEA għat-EIA*<br>Firma: Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni Ambjentali u l-Iżvilupp Sostenibbli tal-Carpathians (Carpathian Convention — Konvenzjoni Carpathian)<br>Dħul fis-seħħ: Protokoll dwar il-POPs għall-CLRTAP; Protokoll dwar il-Metalli Tqal għall-CLRTAP |
| **2004** | |
| **2005** | Dħul fis-seħħ: Protokoll dwar l-Ilma u s-Saħħa għat-TWC; Protokoll dwar l-Ożonu fil-Livell ta' l-Art għall-CLRTAP |
| **2006** | Dħul fis-seħħ: Konvenzjoni Carpathian (Carpathian Convention) |
| **2007** | **Is-Sitt Konferenza Ministerjali f'Belgrad** |
| **2008** | |
| **2009** | |
| **2010** | |
| **2011** | **Is-Seba' Konferenza Ministerjali *f'Astana*** |

# Noti

# ‘Ambjent għall-Ewropa’

Ċipru
Franza
Id-Danimarka
Il-Belarus
Il-Belġju
Il-Bosnia u Herzegovina
Il-Bulgarija
Il-Federazzjoni Russa
Il-Finlandja
Il-Ġermanja
Il-Ġorġja
Il-Greċja
Il-Kanada
Il-Każakstan
Il-Kirgistan
Il-Kroazja
Il-Latvja
Il-Liechtenstein
Il-Litwanja
Il-Lussemburgu
Il-Montenegro
Il-Polonja
Il-Portugall
In-Norveġja
Ir-Renju Unit
Ir-Repubblika Ċeka
Ir-Repubblika tal-Moldova
Ir-Rumanija
Is-Serbja
Is-Slovakkja
Is-Slovenja
It-Taġikistan
It-Turkija
It-Turkmenistan
L-Albanija
L-Andorra
L-Armenja
L-Awstrija
L-Azerbajġan
L-Estonja
L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja
L-Irlanda
L-Islanda
L-Istati Uniti ta’ l-Amerika
L-Isvezja
L-Isvizzera
L-Italja
L-Iżrael
L-Olanda
L-Ukraina
L-Ungerija
L-Uzbekistan
Malta
Monako
San Marino
Spanja




L-Ambjent ta' L-Ewropa

L-Evalwazzjoni ta' Dobris

*Sofia, 1995*



L-Ambjent ta' l-Ewropa

It-Tieni Evalwazzjoni

*Aarhus, 1998*



L-Ambjent ta' l-Ewropa

It-Tielet Evalwazzjoni

*Kiev, 2003*




L-Ambjent ta' l-Ewropa

Ir-Raba' Evalwazzjoni

*Belgrad, 2007*

TH-78-07-208-MT-C

Għal aktar tagħrif u biex tniżżel dawn ir-rapporti,
jekk jogħġbok żur: www.eea.europa.eu/pan-european

Aġenzija Ewropea ta'l-Ambjent
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K, Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: eea.europa.eu
Mistoqsijiet: eea.europa.eu/enquiries

ISBN 978-92-9167-950-8
9 789291 679508

L-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent